# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tletin (30) ta' Novembru 2023**

**Rikors Numru 360/2013 FDP**

Fl-ismijiet

**Carmel sive Charles Grech**
**(ID 1099347M)**

**u b'digriet tat-28 ta' Ġunju 2023, Jeremy Charles Grech (ID 321690M) assuma l-atti wara l-mewt ta' Carmel sive Charles Grech**

**vs**

**Sergio Manche'**
**(ID 121356M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 15 ta' April 2013, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi bejn is-snin 1999 u 2004 l-attur biegħ u kkonsenja lill-intimat merkanzija bl-ingrossa.*

    2. *Illi l-esponent kien jagħmel l-ordnijiet tal-merkanzija konsistenti f'kwantitajiet ta' "household goods" mingħand il-klijenti esteri tiegħu u jikkonsenja lill-intimat flimkien mal-kont tal-ordni ta' importazzjoni, spejjeż oħra u l-profitt tiegħu. L-intimat kien iħallsu in akkont.*

    3. *Illi l-intimat waqa' lura fil-ħlasijiet u, għalkemm hu kien wiegħed diversi drabi lill-esponent li ser iħallsu l-bilanċ, huwa baqa' inadempjenti nonstante l-interpellazzjoni b'ittra uffiċjali tat-18 ta' Marzu 2009.*

*Għaldaqstant jgħid l-intimat il-għaliex ma għandhiex dina l-Qorti għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:*

1. *Tiddikjara li bejn is-snin 1999 u 2004 l-attur biegħ u kkonsenja lill-intimat merkanzija bl-ingrossa konsistenti f'kwantitajiet ta' "household goods";*

2. *Tillikwida l-ammont dovut minnu lill-attur bħala bilanċ ta' somma akbar rappreżentanti ħlas tal-merkanzija mibjugħa u konsenjata kif fuq ingħad;*

3. *Tikkundanna lill-intimat iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata u dovuta kif fuq spjegat.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Marzu 2009 u bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra uffiċjali kontra l-istess intimat minn issa nġunt beix jidher personalment għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-2 ta' Lulju 2013, l-intimat laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

    1. *Illi preliminarjament it-talba tar-rikorrent għall-ħlas ta' merkanzija allegatament mibjugħa u konsenjata lill-esponent hija preskritta bid-dekors ta' ħames snin ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili.*

    2. *Illi fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tar-rikorrent huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-ebda ammont ma huwa dovut mill-esponent versu l-imsemmi rikorrent.*

    3. *Salvi eċċezzjonijet oħra permessi mil-Liġi.*

3. Rat illi, permezz ta' sentenza mogħtija fid-29 ta' Ottubru 2015, dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat u ddikjarat l-azzjoni ma kinetx preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16.

4. Rat illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016, il-Qorti tal-Appell kkonfermat id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti.

5. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti fis-7 ta' Ottubru 2019.

## Provi

6. Rat ir-rapport tal-accountant Edward Camilleri, datat 4 ta' Ottubru 2007 u ppreżentat mir-rikorrent fl-14 ta' Novembru 2013 (fol 23).

7. Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Charles Grech** ippreżentat fit-13 ta' Marzu 2014 (fol 45 sa 46) kif ukoll id-dokumentazzjoni minnu eżebita (fol 47 sa 1249).

8. Rat ix-xhieda ta’ **Edward Camilleri** mogħtija fis-6 ta’ Mejju 2014 (fol 1252 – 1254) kif ukoll id-dokumentazzjoni minnu eżebita (fol 1255 sa 1289).

9. Rat l-affidavit ulterjuri ta’ Charles Grech ippreżentat fid-9 ta’ Ottubru 2014 (fol 1278) flimkien ma’ dokumentazzjoni (fol 1279 sa 1289).

10. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta’ Charles Grech illi saret fil-11 ta’ Diċembru 2014 (fol 1291).

11. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta’ Edward Camilleri illi saret fid-29 ta’ Ottubru 2015 (fol 1296).

12. Rat illi fid-9 ta’ Frar 2017 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x’jippreżenta.

13. Rat ix-xhieda in kontro eżami ulterjuri ta’ Charles Grech illi saret fil-21 ta’ Frar 2017 (fol 1323 – 1325).

14. Rat ix-xhieda ulterjuri in kontro eżami ulterjuri ta’ Charles Grech illi saret fil-25 ta’ Ottubru 2017 (fol 1333 – 1336).

15. Rat ix-xhieda ulterjuri in kontro eżami ulterjuri ta’ Charles Grech illi saret fis-7 ta’ Diċembru 2017 (fol 1338 – 1340).

16. Rat dokumentazzjoni eżebita mill-intimat permezz ta’ nota fil-25 ta’ April 2018 (fol 1344-1411).

17. Rat ix-xhieda ulterjuri in kontro eżami ulterjuri ta’ Charles Grech illi saret fid-29 ta’ Mejju 2018 (fol 1413 – 1415).

18. Rat ix-xhieda ta’ **Emanuel Farrugia** mogħtija fl-10 ta’ Ottubru 2018 (fol 1417) u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata ossija skeda ta’ ħlasijiet u pendenzi bejn il-partijiet (fol 1421).

19. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta’ Emanuel Farrugia mogħtija fit-3 ta’ Marzu 2020 (fol 1433 sa 1485).

20. Rat l-affidavit ta’ **Sergio Manche** ippreżentat fit-13 ta’ Jannar 2021 (fol 1492 sa 1498).

21. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta’ Sergio Manche illi saret fit-12 ta’ Mejju 2021 (fol 1501 sa 1523) u rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-istess Sergio Manche.

22. Ssemghet ix-xhieda ulterjuri in kontro eżami ta’ Sergio Manche illi saret fil-5 ta’ Ottubru 2021 (fol 1528 sa 1534).

23. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-intimat fis-6 ta’ Ottubru 2021 (fol 1535 sa 1555).

24. Semgħet il-kontro eżami ta’ Edward Camilleri illi sar fit-12 ta’ Jannar 2022 (fol 1560 sa 1577).

25. Semgħet il-kontro eżami ulterjuri ta’ Edward Camilleri illi sar fid-29 ta’ Marzu 2022 (fol 1584 sa 1600) u rat id-dokumentazzjoni minnu ippreżentata, ossija “Summary of Figures”.

26. Rat id-dokument eżebit mill-intimat fis-27 ta’ Ġunju 2022, ossija audited accounts għas-soċjeta' Estate Houseware Enterprises Limited għas-sena 2000 (fol 1604 sa 1617).

27. Rat illi fil-11 ta’ Lulju 2022, il-provi ġew dikjarati magħluqa.

28. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrent ippreżentati fl-24 ta’ Ottubru 2022 (fol 1619).

29. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta’ l-intimat ippreżentati fl-24 ta’ Jannar 2023 (fol 1632 sa 1657).

**Ikkunsidrat**

30. Jirriżulta illi l-partijiet kienu ilhom fin-negozju għal ħafna snin, fejn ir-rikorrent kien jissupplixxi merkanzija lill-intimat li, da parte tiegħu, kien ibiegħha jew fil-ħanut tiegħu, ‘Table Top’ jew inkella mal-varji klijenti ħwienet illi huwa kellu madwar Malta.

31. Jirriżulta illi r-rikorrent, li kien ġia fi sħab ma’ ħuh Joseph Grech b’kumpannija Estate Catering Houseware Enterprises Limited, u kien ilu jimporta tali merkanzija għal ħafna snin, iżda fis-snin disgħin ma baqgħux jaħdmu flimkien, u kien hawnhekk illi r-rikorrent beda jaħdem flimkien ma’ l-intimat.

32. Jirriżulta, di fatti, illi r-rikorrent beda jakkwista l-merkanzija bil-kuntatti illi huwa ġia kellu fil-passat u jixtrihom f’isem l-intimat, fejn il-VAT number ta’ l-intimat kienet qiegħda tintuża għal fini ta’ importazzjoni u tassazzjoni.

33. Jirriżulta illi filwaqt illi bejn is-sena 1999 u s-sena 2004, ix-xogħol kien sejjer tajjeb, fejn ir-rikorrent kien jixtri l-merkanzija kif fuq spegat u l-intimat kien iħallas lura b’pagamenti akkont, problemi illi bdew jinfaċċjaw mal-awtoritaijiet tat-taxxa kif ukoll nuqqas ta’ fiduċja reċiproka bejn il-partijiet wasset biex fl-aħħar tas-sena 2004, l-arranġament ta’ bejn il-partijiet ntemm u kwalsiasi merkanzija li beda jakkwista l-intimat mingħand ir-rikorrent kienet titħallas b’mod immedjat.

34. Jirriżulta illi, eventwalment, fis-sena 2006, ir-rikorrent qabbad lil Edward Camilleri, accountant bi professjoni, sabiex jifli l-ħafna kaxex ta’ dokumentazzjoni illi seta’ jiġbor Grech, sabiex ikun jista’ jkollu rendikont tal-merkanzija kollha illi nbiegħet lill-intimat u xi ħlasijiet saru.

35. Jirriżulta illi fl-4 ta’ Ottubru 2007, l-istess Edward Camilleri irrediġa rapport, li ġie eżebit mir-rikorrent a fol 1255 tal-proċess, fejn wasal għall-konklużjoni li, skond id-dokumentazzjoni mgħoddija lilu mir-rikorrent, il-bilanċ dovut mill-intimat lir-rikorrent kien jammonta għal Lm 435,885.12, ossija €1,015,612. Jirriżulta illi tali studju kien prettament wieħed ta’ kontabbilita’ fejn tniżżlu l-merkanzija kollha akkwistata mir-rikorrent jew il-kumpannija ECHE u tnaqqsu minnha l-pagamenti kollha illi għamel l-intimat tul is-snin.

36. Jirriżulta illi, nelfrattemp, l-intimat, da parte tiegħu, kien qabbad l-Accountant tiegħu, Emy Farrugia, sabiex jagħmel il-konteġġi tiegħu abbażi ta’ dak konkluż minn Edward Camilleri, u fir-rapport redatt minn Emy Farrugia u li jinsab a fol 1421, huwa kkonkluda illi mhux biss l-intimat ma għandu jieħu ebda flus, iżda illi l-istess intimat kellu jieħu mingħand Charles Grech is-somma ta’ Lm 295,299, ossija €688.046.

37. Għandu jingħad illi l-intimat ma għamel ebda kontro talba fil-proċeduri odjerni.

## Ikkunsidrat

38. Il-Qorti tibda billi tosserva illi għalkemm kien hemm relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet, fejn ir-rikorrenti kien jimporta bl-isem ta’ l-intimat u l-intimat ibiegħ u jħallas lir-rikorrent regolarment, xejn minn dana l-arranġament ma qatt ġie redatt in iskritt, u għalhekk huwa kollu ftehim bil-fomm.

39. Il-Qorti tosserva wkoll illi r-rapporti kontabili taż-żewġ esperti ex-parte tal-partijiet, ossija l-Accountants Edward Camilleri u Emy Farrugia, huma rapporti illi wieħed jista’ jgħid huma diametrikament opposti u huma bbażati UNIKAMENT fuq dokumentazzjoni u informazzjoni mgħoddija lilhom mill-klijent tagħhom. Dana qiegħed jingħad għax, rinfaċċjata b’tali sitwazzjoni, il-Qorti ikollha ta’ bil fors tagħrbel il-konklużjonijet taż-żewġ esperti u tgħaddi għall-konklużjonijiet tagħha, kif ser jiġi hawn taħt spjegat.

40. Ikkunsidrat dan, il-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar iż-żewġ rapporti, ossija dak ta’ Edward Camilleri li huwa a fol 1256 u dak ta’ Emy Farrugia, illi jinsab a fol 1421.

41. Kif jidher mir-rikors promotur, il-kawża odjerna ġiet intavolata minn Charles Grech f’ismu personali, u mhux għan-nom ta’ xi kumpannija. Dana qiegħed jingħad għax, fl-ewwel konsiderazzjoni tal-Accountant Camilleri, jingħad illi l-intimat Manche ġie pprovdut b’merkanzija tas-soċjeta' Estate Catering Houseware Enterprises Limited fl-import ta’ Lm 125,190.95, u li dawna kienu qed jiġu kkalkolati fil-konteġġi tiegħu.

42. Din il-Qorti tosserva illi, ladarba tali merkanzija kienet tas-soċjeta' Estate Catering Houseware Enterprises Limited, messha kienet l-istess soċjeta' illi mexxiet kontra l-intimat għall-ħlas tagħhom u mhux ir-rikorrent.

43. Għalhekk, tali ammont ta’ Lm 125,190.95 ċertament ma jistax jitqies fil-konteġġi illi ser tgħaddi biex tagħmel il-Qorti.

44. Din il-Qorti tosserva wkoll illi, mill-banda l-oħra, fir-rapport tal-Accountant Farrugia, fejn huwa jgħaddi biex jagħmel l-ammonti illi huma dovuti lill-intimat, jibda bili jindika f’paragrafu (f) “Stocks distrutti bix-xita” u flejjes illi ha lura Grech mill-Insurance. Farrugia jsemmi wkoll somma oħra indikata lit-TCU. Hawnhekk Farrugia jikkonkludi illi l-ammont ta’ Lm 112,000 għandu jitnaqqas a favur ta’ l-intimat.

45. Il-Qorti, madanakollu, tirrileva illi tali somom huma totalment gratwiti da parte tal-Accountant Farrugia, illi minn imkien ma seta’ jikkorrobora dak minnu asserit, w il-Qorti ma tistax ma tosservax illi dak minnu dikjarat imur diametrikament oppost għal dak iddikjarat lit-TCU fejn, fir-rapport tat-TCU eżebit mill-intimat, a fol 1543, jingħad ċarament illi l-oġġetti kollha distrutti ma kinux koperti minn assikurazzjoni.

46. Mill-banda l-oħra, jidher illi r-rikorrent jinsisti, kif jidher fid-dokument a fol 1580, illi huwa pperċepixxa ħlas ta’ insurance ta’ € 9,300, ossija ekwivalenti għal Lm3,991.

47. In vista ta’ dan, il-Qorti ser tqis illi hija biss is-somma ta’ Lm 3,991 li għandha titnaqqas u mhux dik ta’ Lm 112,000 indikata mill-Accountant Farrugia.

48. Il-Qorti issa tgħaddi biex tikkummenta dwar l-istimi ta’ Lm 45,602 u Lm 392,878 magħmula mill-Accountant Farrugia f’paragrafi (g) u (h) tar-rapport tiegħu, li jirrigwardaw invoices kif ukoll invoice books illi ġew jew setgħu ġew duplikati. Din il-Qorti, hawnhekk, għal darba oħra, ma tistax ma tirrilevax illi dawna s-suposizzjonijiet tal-Accountant Farrugia ma huma sostanzjati minn ebda dokumentazzjoni, u ċertament din il-Qorti ma tistax tqishom biss għax l-Accountant Farrugia ħass li kellu jagħmel stima ta’ hekk.

49. Għalhekk, l-ammonti indikati fil-paragrafi (g) u (h) ma humiex ser jiġu kkunsidrati.

50. Il-Qorti issa tgħaddi biex tqis il-kwistjoni ta’ stocks li ttieħdu meta ġie terminat l-arranġament ta’ bejniethom.

51. Mill-provi prodotti, irriżulta illi r-rikorrent Grech kellu maħżen kbir ġewwa l-Gżira filwaqt illi l-intimat Manche kellu maħżen iżgħar ġewwa l-Ħamrun. Ġie stabbilit wkoll Manche ma kellux aċċess għall-istores ta’ Grech u li Grech kien jaħżen ħafna merkanzija fil-post tiegħu.

52. Jidher illi l-Accountant Farrugia, abbażi ta’ diskussjonijiet magħmula mat-TCU, ikkonkuda illi mill-istokk finali ta’ Lm 220,029 eżistenti, l-ammont ta’ Lm 169,572 kien miżmum ġewwa l-maħżen ta’ Grech filwaqt illi l-kumplament kien għand Manche.

53. Il-Qorti tqis illi, tenut kont tal-provi u fatti kif murija, l-konklużjoni tal-valuri stabbiliti mill-Accountant Farrugia hija waħda fattibbli u aċċettabbli għal dina l-Qorti, li għalhekk ser tqis illi, fil-mument li spiċċa n-negozju bejn il-partijiet, ir-rikorrent Grech kellu f’idejh stock fl-ammont ta’ Lm 169,572, liema stock għalhekk irid jitnaqqas mill-ammont kalkolat mill-Accountant tar-rikorrent, ossija Camilleri.

54. Finalment, fejn jirrigwarda l-kalkoli magħmula mill-Accountant Farrugia, din il-Qorti tagħmel referenza għall-ammont indikat fil-paragrafu (j) fl-import ta’ Lm 11,133, u tirrileva illi tali ammont huwa attwalment il-meritu tal-kawża 1124/11 FDP illi qiegħda tiġi deċiża kontestwalment mal-kawża odjerna, u għalhekk ċertament ma hijiex ser tiġi meqjusa fil-konteġġi tagħha fil-proċeduri odjerni.

## Ikkunsidrat

55. Issa li l-Qorti għamlet l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-konteġġi redatti miż-żewġ esperti ‘ex parte’ tal-partijiet, hija ser tgħaddi biex tagħmel il-konteġġi finali tagħha, u dana huma kif ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| Importazzjoni ta’ prodotti direttament mir-rikorrent: | | Lm785,057 |
| Pagamenti li saru minn Manche | (Lm414,956) | |
| Pagamenti li saru minn Joinwell | (Lm 54,865) | |
| Pagamenti li saru minn klijenti | (Lm 4,541) | (Lm474,362) |
| | | Lm310,695 |
| Insurance għal Stocks distrutti | (Lm 3,991) | |
| Stocks f’idejn Grech fl-imħażen ta’ Gżira | (Lm 169,572) | (Lm173,563) |

| | | |
|---|---|---|
| **BILANĊ DOVUT LIL CHARLES GRECH** | | **Lm137,132** |
| | ossija | **€ 319,517** |

**Konsiderazzjonijiet Finali**

56. Il-Qorti tibda billi tosserva illi għalkemm il-Qorti ġiet mgħoddija ħafna dokumentazzjonijiet f’ fatturi varji u konteġġi diversi, imkien ma qatt ingħatat xi indikazzjoni dwar x’kien il-ftehim finali ta’ bejn il-partijiet, peress illi l-partijiet ħassew illi ma kellhomx bżonn jirrediġu l-ftehim tagħhom fl-iskritt – tali nuqqas ċertament ma jgħin xejn lill-Qorti sabiex tasal għall-konklużjonijiet tagħha.

57. Il-Qorti tosserva wkoll illi għalkemm l-esperti mqabbda miż-żewġ partijiet, ossija l-Accountant tagħhom, għamlu l-konteġġi tagħhom, ma jista’ jkun hemm ebda dubju illi ż-żewġ accountants ħasbu għall-interessi tal-klijenti tagħhom u naturalment taw indikazzjoni dwar il-fatti u figuri kif indikati lilhom mill-klijenti tagħhom stess – kien għalhekk illi l-Qorti kellha terġa’ tagħmel l-eżerċizzju hija stess, u dana sar wara illi qieset il-provi dokumentarji kif ukoll ta’ xhieda prodotti quddiemha.

58. Finalment, hemm kif sar dan l-eżerċizzju kollha, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-ammont fuq redatt ta’ € 319,517 huwa attwalment valur reali illi huwa dovut lir-rikorrent mill-intimat, u għalhekk ser tgħaddi biex tillikwida dak dovut f’tali somma.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda prodotti;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi :

**Tqis** illi l-ewwel eċċezzjoni ġia ġiet miċħuda u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell b’sentenza tal-25 ta’ Novembru 2016.

**Tiċħad** it-tieni eċċezzjoni ta’ l-intimat, u għalhekk:

**Tilqa’** t-talba kif dedotta kif ġej u, konsegwentement:

**Tiddikjara** li bejn is-snin 1999 u 2004 l-attur biegħ u kkonsenja lill-intimat merkanzija bl-ingrossa konsistenti f’kwantitajiet ta’ “household goods”.

**Tillikwida** l-ammont dovut mill-intimat lill-attur fl-ammont ta’ tlett mija u dsatax-il elf, ħames mija u sbatax-il Euro (€ 319,517) bħala bilanċ ta’ merkanzija mibjugħa u konsenjata kif fuq ingħad;

**Tikkundanna** lill-intimat iħallas lill-attur is-somma **tlett mija u dsatax-il elf, ħames mija u sbatax-il Euro (€319,517).**

**Imgħax** jiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku ta’ l-intimat.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**